KUNSILL LOKALI SANTA VENERA
Kumpless Umberto Calosso
Triq il-Kbira San {u\epp
Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664
E-Mail: santavenera.lc@gov.mt
Web page: http://www.stvenera.gov.mt

**16/17**

**Minuti tas-sittax –il laqgħa msejha b'Urgenza tas-sbatax-il sena (Is-sitt Kunsill) tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera li nżammet nhar it-Tnejn, 25 ta' Ottubru, 2010, fl-Uffiċċju Amministrattiv fis-6.00pm.**

**Preżenti:**

Is-Sur Horace J. Anastasi---Sindku
Is-Sur Ronald Briffa---Viċi Sindku
Is-Sur Carmel Camilleri---Kunsillier
Is-Sinj. Mariella Micallef---Kunsilliera
Is-Sur Stephen Sultana---Kunsillier
Is-Sur Edwin Formosa---Kunsillier
Is-Sur Joseph M. Formosa – Agent Segretarju Ezekuttiv

**Skuzati:**

Is-Sur Cleaven Christian Bugeja – Kunsillier

Imsejha tattendi s-Sinjura Romina Perici Ferrante – Accountant

## Aġenda

1. Talba

2. Il-Mozzjoni dwar ix-xiri u pagament tas-Siggu u 'Lap Top' ghal ufficcju tas-Sindku.

3. Il-hinijiet tal-Ufficcju.

4. L-istat tal-Financial Situation Indicator / Pozizjoni ta zbilanc

5. Vakanza ghal skrivan/a mal-Kunsill Lokali Santa Venera.

**1. Talba**

Il-laqgħa bidet fis-6.05pm wara talba qasira mis-Sindku u l-Kunsillieri presenti.

**2. Il-Mozzjoni dwar ix-xiri u pagament tas-Siggu u l-'Lap Top' ghal ufficju tas-Sindku**

Mal-introduzzjoni ta' din il-mozzjoni l-Kunsillier Stephen Sultana ghamel oggezjoni u staqsa li s-sekondant kellu jkun presenti qabel tibda d-diskusjoni dwar il-mozzjoni. Waqt din id-diskusjoni dwar dan il-punt is-sekondant is-Sur Ronald Briffa dahal ghall-laqgha u ghalhekk is-Sur Stephen Sultana irtira l-oggezjoni tieghu.

Is-Sur Stephen Sultana talab li jaghmel amenda ghal din il-mozzjoni u qal li gie imcahhad li jaghmel dan skond il-ligi.

L-Agent Segretarju Ezekuttiv spjega l-possibilita kif wiehed jista' jaghmel amenda billi irrefera u qara silta mill-ligi.

Is-Sindku qal li din il-mozzjoni giet cirkulata qabel il-laqgha u ghalhekk ma kienx hemm bzonn li tinqara waqt il-laqgha.

Is-Sindku staqsa lill kull kunsillier sabiex joffri diskussjoni dwar din il-mozzjoni u qal li s-Sur Stephen Sultana ghazel li ma jiddiskutix il-mozzjoni kif presentata izda baqa jippressa sabiex jiddiskuti l-kontro mozzjoni tieghu li dwarha ma nghatatx ebda notifika jew kopja lil-Kunsill.

Is-Sur Stephen Sultana baqa jinsisiti li jippresenta l-amenda izda s-Sindku talab li din il-mozzjoni tigi ghal vot. Din giet sekondata mill Vici Sindku s-Sur Ronald Briffa.

Favur: Sindku – Is-Sur Horace J. Anastasi
Vici Sindku – Is-Sur Ronald Briffa
Kunsillier – Is-Sur Carmel Camilleri
Kunsilliera- Is-Sinjura Mariella Micallef

Kontra: Kunsillier – Is-Sur Stephen Sultana
Kunsillier – Is-Sur Edwin Formosa

Il-Mozzjoni ghaddiet kif presentata.

**3. Il-Hinijiet tal-ftuh tal-Ufficju**

Mal-introduzzjoni ta din it-tema l-Agent Segretarju Ezekuttiv qal li t-talba tieghu sabiex il-hinijiet tal-pubbliku jigu ridotti kif stipulati skond Memo tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali qed issir peress li fil-fehma tieghu fil-Kunsill tinsab il-htiega li jsir xoghol ta' back office li waqa lura hafna u li dan qed ifixkel l-efficjenza tal-hidma amministrattiva tal-Kunsill.

Saret diskusjoni u gie emfassizat li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali ma ghandux jinjora l-htigijiet tal-Kunsill ghaliex jekk jaghmel dan il-Kunsill ikun anke kostrett li jaghlaq il-bibien tieghu u mhux sempliciment inaqqas il-hin li jixtieq jaghti lill pubbliku.

Is-Sur Camilleri stqarr li jifhem li hemm pressure of work kbira fuq l-Agent Segretarju Ezekuttiv li qed jaghmel hiltu kollha sabiex ilahhaq mal-htigijiet tal-Kunsill izda l-Kunsill ma jistax ikompli iraqqa u l-azzjoni tal-Kunsill ghandha tkun immedjata izda mhux li jnaqqas il-hin tal-ftuh tal-Kunsill ghal pubbliku anke jekk dawn huma l-hinjiet minimi approvati mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

Waqt id-diskusjoni gie sollevat il-punt illi l-hinijiet tal-ftuh ghall pubbliku u kif jahdmu l-haddiema tal-Kunsill fuq bazi ta' erbghin (40 siegha) fil-gimgha huma affarjiet amministrattivi u ghalhekk fdati f'idejn is-Segretarju Ezekuttiv sabiex jassigura li policy u decizjonijiet tal-Kunsill jigu esekwiti bl-aktar efficjenza massima possibli.

Is-Sur Carmel Camilleri qal li l-Kunsill huwa suprem u ghalhekk ghalkemm jerga' itenni li tant huwa konvint li l-Agent Segretarju Ezekuttiv qed jaghmel hiltu u qed jaqdi dmiru sewwa tant li kien ippropona kemm il-darba li joffri li l-Agent Segretarju Ezekuttiv ikompli fil-hidma tieghu mal-Kunsill anke meta jinsab Segretarju Ezekuttiv permanenti ghal Kunsill, huwa kien qed iressaq mozzjoni li l-hinijiet ghal-pubbliku u b'sehh immedjat ikunu mis-7.30am sat-3.30pm. Din il-mozzjoni giet sekondata mis-Sindku s-Sur Horace J. Anastasi.

F'dan l-istadju l-Agent Segretarju Ezekuttiv rega gibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-hinijiet minimi presenti huma minhabba posizjoni ta' krizi u bhala mizura ta' emergenza u ma ghandhomx ikomplu ghal zmien twil.

Il-mozzjoni giet presentata

Favur: Sindku – Is-Sur Horace J. Anastasi
Kunsillier – Carmel Camilleri

Astenzjonijiet: Vici Sindku – Is-Sur Ronald Briffa
Kunsilliera – Mariella Micallef

Kontra: Kunsillier- Edwin Formosa
Kunsillier – Stephen Sultana

Il-mozzjoni ghaddiet.

**4. L-istat tal-Financial Situation Indicator / Pozizjoni ta zbilanc**

L-accountant is-Sinjura Romina Perici Ferrante giet mistiedna tindirizza lil Kunsill dwar il-qaghda tal-finanzi tal-Kunsill kif jirrizulta mill-financial statements u dwar l-e-mail datata mibghuta lil Kunsill mill-Monitoring Unit tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

Is-Sur Stephen Sultana qal li peress li xtaq li jkollu kopja tal-financial statements sabiex ikun jista isegwi ahjar sar qbil li l-accountant taghti spjegazzjoni dwar il-qaghda finanzjarja izda dan qed isir b'mod informali.

Il-Kunsill qabel li din it-tema tidher fuq l-agenda tal-Kunsill ghal laqgha tal-Hamis 28 ta' Ottubru, 2010.

**5. Vakanza ghal skrivan/a**

L-Agent Segretarju Ezekuttiv informa l-Kunsill dwar il-process li jkun hemm reklutagg ta skrivan/a skala 15 sabiex jimtela l-post li presentament jinsab vakant.

Fil-prezent il-Kunsill qed jistenna applikazzjonijiet minghand skrivani li jinsabu jahdmu ma Kunsilli Lokali gewwa Malta / Ghawdex.

Jekk sat-28 ta' Ottubru 2010 sa nofsinhar il-Kunsill ma jkollux applikazzjonijiet, il-Kunsill jinforma lil- ETC dwar dan u jitlob lil ETC sabiex din tipprovdi l-Kunsill b'lista ta kandidati, irgiel u nisa li jkunu eligibli sabiex wara l-Kunsill ikun jista' jaghmel l-ghazla tieghu.

**Gheluq tal-laqgha**

Peress li ma kienx hemm aktar suggetti fuq l-agenda , l-laqgha ghalqet fit-8.15pm.

Joseph M. Formosa
Agent Segretarju Ezekuttiv

Horace J. Anastasi
Sindku

Data _______________